Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,875, 13 ta' Ġunju, 2022
Taqsima B

A.L. 163 tal-2022

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ
(KAP. 441)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, il-Ministru responsabbli għall-Kummerċ għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 441.08.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Il-partita "*Il-Belt Valletta*" fit-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-kliem "*Il-Belt Valletta*" għandhom jiżdiedu l-kliem "Triq l-Arċisqof"; u

(b) minnufih wara l-kliem "Triq Santa Luċija" għandhom jiżdiedu l-kliem "Triq Santa Ursola".